

EMA/263379/2014
EMEA/V/C/002759

Sommarju tal-EPAR għall-Publiku

Versican Plus DHPPi/L4R

Distemper tal-klieb, adenovirus, parvovirus, virus tal-parainfluenza (ħaj attenwat), leptospirożi tal-klieb, vaċċin tar-rabja tal-klieb (inattivat)

Dan id-dokument huwa sommarju tar-Rapport Pubbliku Ewropew ta' Valutazzjoni. L-għan tiegħu huwa li jispjega kif il-valutazzjoni magħmula mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu Veterinarju (CVMP) abbażi tad-dokumentazzjoni pprovduta wasslet għar-rakkmandazzjonijiet dwar il-kundizzjonijiet tal-użu tiegħu.

Dan id-dokument ma għandux jieħu post diskussjoni wiċċi imb wiċċi mal-veterinarju tiegħek. Jekk teħtieġ iktar informazzjoni dwar il-kundizzjoni medika jew il-kura tal-annimal tiegħek, ikkuntattja lill-veterinarju tiegħek. Jekk tixtieq iktar informazzjoni relatata mar-rakkmandazzjonijiet tas-CVMP, aqra d-diskussjoni xjentifika (parti wkoll mill-EPAR).

X'inhu Versican Plus DHPPi/L4R?

Versican Plus DHPPi/L4R huwa vaċċin veterinarju li fih il-virus ħaj attenwat (dghajnejf) distemper tal-klieb, adenovirus tal-klieb tat-tip 2, parvovirus tal-klieb tat-tip 2b u l-virus parainfluenza tal-klieb tat-tip 2 kif ukoll razex ta' batterji ta' Leptospira u virusijiet tar-rabja tal-klieb inattivati (maqtula). Versican Plus DHPPi/L4R huwa disponibbli bħala lijofilizzat (freeze-dried pellet) b'solvent għal injezzjoni.

Għal xiex jintuża Versican Plus DHPPi/L4R?

Versican Plus DHPPi/L4R jintuża biex jipproteġi lill-klieb kontra:

- distemper tal-klieb, marda infettiva xi drabi msejħa 'hard pad' minħabba li l-klieb jistgħu jiżviluppaw tħaxxix tal-ġilda fuq il-pads tas-saqajn, kif ukoll imnieħer iqattar, sogħla, deni, rimettar u dijarea, salivazzjoni eċċessiva u f'xi każijiet aċċessjonijiet;
- adenovirus tal-klieb tat-tip 1, li jikkawża infezzjoni akuta fil-fwied li tista' toħloq sinjal ta' suffejra (sfurija tal-ġilda u l-għajnejn);
- marda tal-parvovirus tal-klieb, infezzjoni li tista' taffettwa severament il-ġriewi, li tirriżulta f'letargħja, deni, rimettar u dijarea mdemmija;



- il-virus tal-parainfluenza tal-krieb, li jikkawża l-“kennel cough”;
- il-leptospirożi, marda batterjali li tista’ tiġi trażmessha minn urina infettata u tirriżulta fi fsad, epatite (infjammazzjoni tal-fwied) u suffejra jew nefrite (infjammazzjoni tal-kliewi);
- ir-rabja, marda viral żoonotika (li tittieħed mill-bniedem) li taffettwa s-sistema nervuża ċentrali (moħħ u sinsla tad-dahar), li twassal għal mewt. Normalment tiġi trażmessha minn gdim ta’ annimali infettati.

Il-vaċċin jingħata lil ġriewi ta’ tmienja sa disa’ ġimgħat, taħt il-ġilda, u jiġi ripetut ladarba l-ġriewi jilħqu t-tanax-il ġimgħa. Għall-vaċċinazzjoni mill-ġdid, doża singola ta’ Versican Plus DHPPi/L4R hija meħtieġa kull tliet snin għad-distemper, l-adenovirus tal-krieb (tat-tip 1 u 2) u l-parvovirus.

Vaċċinazzjoni kull sena hija meħtieġa għall-protezzjoni kontra l-virus tal-parainfluweza, il-leptospirożi u r-rabja tal-krieb.

Kif jaħdem Versican Plus DHPPi/L4R?

Versican Plus DHPPi/L4R huwa vaċċin. Il-vaċċini jaħdmu billi ‘jgħallmu’ lis-sistema immunitarja (id-difiżi naturali tal-ġisem) kif tiddefendi ruħha kontra l-mard. Il-virus tad-distemper tal-krieb, l-adenovirus tal-krieb, il-parvovirus tal-krieb u l-virus tal-parainfluenza tal-krieb f’Versican Plus DHPPi/L4R huma ħajjin iżda ġew attenwati (imdgħajfa) biex ma jikkawżawx mard; huma kkombinati b’tipi ta’ batterji ta’ *Leptospira* u l-virus tar-rabja tal-krieb (inattivati). Meta Versican Plus DHPPi/L4R jingħata lill-krieb is-sistema immunitarja tal-annimal tagħraf il-virusijiet u l-batterji bħala ‘barranin’ u tagħmel antikorpi kontrihom. Fil-futur, meta l-annimal jiġi espost għal dawn l-infezzjonijiet, is-sistema immunitarja tkun tista’ tirrispondi iktar malajr. Dan jgħin jipproteġi kontra d-distemper, l-adenovirus, il-parvovirus, il-‘kennel cough’, il-leptospirożi u r-rabja tal-krieb.

Versican Plus DHPPi/L4R fih aġġuvant (idrossidu tal-aluminju) biex itejjeb ir-rispons immunitarju.

Kif ġie studjat Versican Plus DHPPi/L4R?

L-effikaċċja ta’ Versican Plus DHPPi/L4R qiet investigata fi studju li involva 129 kelb. Il-krieb jew ġew imlaqqma darbtejn b'intervall ta’ tliet jew erba’ ġimgħat jew irċevew tilqima booster waħda fis-sena. Il-miżura tal-effikaċċja kienet il-livelli ta’ antikorpi qabel u wara t-tilqima.

L-istudji fil-laboratorju saru biex ikun determinat il-perjodu ta’ protezzjoni kontra d-distemper, l-adenovirus tal-krieb (tat-tip 1 u 2) u l-parvovirus. F-dawn l-istudji l-krieb ġew vaċċinati darbtejn b'intervall ta’ tliet ġimgħat u kienu esposti għall-virus distemper tal-krieb, l-adenovirus tal-krieb u l-parvovirus tal-krieb tliet snin wara t-tieni vaċċinazzjoni. Il-kejl ewljeni tal-effikaċċja kienu s-sinjal kliniċi, it-temperatura tal-ġisem u l-livelli ta’ antikorpi.

X’benefiċċju wera Versican Plus DHPPi/L4R matul l-istudji?

L-istudju wera li t-tilqima b’Versican Plus DHPPi/L4R irriżultat f’livelli ta’ antikorpi li kienu suffiċċenti biex jipproteġu kontra l-virus tad-distemper tal-krieb u l-adenovirus tal-krieb fil-krieb kollha. Il-perċentwal ta’ krieb b’livelli protettivi ta’ antikorpi għal parvovirus varja bejn 73 u 100%, għall-virus tal-parainfluenza 73 u 97%, għal leptospira 59 u 96% u għall-virus tar-rabja 86 u 100%. It-tweġibet fil-ġriewi kienu iktar baxxi minn krieb adulti f’xi każijiet, minħabba antikorpi li ntirtu minn ommijethom.

L-istudji fil-laboratorju wrew li l-perjodu ta’ protezzjoni hu ta’ tliet snin għad-distemper tal-krieb, l-adenovirus tal-krieb u l-parvovirus tal-krieb.

X'inhu r-riskju assoċjat ma' Versican Plus DHPPi/L4R?

L-effett sekondarju l-aktar komuni (deher f'iktar minn 1 minn kull 100 kelb) b'Versican Plus DHPPi/L4R huwa nefħa għal ftit ħin sa 5 cm li tista' tifforma fis-sit tal-injezzjoni wara t-tilqim.

F'sitwazzjonijiet fejn il-ġriewi huma mistennija li jirtu livelli għoljin ta' antikorpi mill-omm, il-protokoll tat-tilqim għandu jiġi ppjanat b'mod xieraq.

X'inhuma l-prekawzjonijiet li jridu jittieħdu mill-persuna li tagħti l-mediċina jew tiġi f'kuntatt mal-animal?

F'każ ta' awtinojjezzjoni, wieħed għandu jfittex parir mediku immedjatament u għandu juri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Għaliex ġie approvat Versican Plus DHPPi/L4R?

Il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għal Użu Veterinarju(CVMP) ikkonkluda li l-benefiċċji ta' Versican Plus DHPPi/L4 jisbqu r-riskji għal indikazzjonijiet approvati u rrakkomanda li Versican Plus DHPPi/L4 jingħata awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq. Il-bilanċ bejn il-benefiċċju u r-riskju jista' jinstab fil-modulu ta' diskussjoni xjentifika ta' dan l-EPAR.

Tagħrif ieħor dwar Versican Plus DHPPi/L4R:

Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq valida madwar l-Unjoni Ewropea għal Versican Plus DHPPi/L4R fis-07/05/2014. L-informazzjoni dwar l-i-status tal-preskrizzjoni ta' dan il-prodott tinsab fuq it-tikketta jew fuq il-pakkett ta' barra.

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'Marzu 2015.